A.L. 7 ta' l-1980

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1960 dwar il-Prezzijiet tad-Dħul fit-Teatri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 20 ta' l-1960

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-proviso għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda dwar is-swali ta' ċinematografu li jidhru fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti l-ogħla prezz ta' dħul għandu jkun dak muri fit-tieni kolonna relattivament għalihom:

Iżda wkoll dwar wirjiet ċinematografiċi li jibdew fis-2 p.m. jew wara s-2 p.m. nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fi Btajjel Pubbliċi oħra, l-imsemmija prezzijiet jistgħu jiżdiedu b'mhux iżjed minn 5c.".

Iżid Skeda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 5)

	L-Ewwel Kolonna	*It-Tieni Kolonna*
a.	Swali ta' ċinematografu fil-Belt u f'Tas-Sliema ...	40c
b.	A.B.C. — il-Furjana	30c
	Radio City — il-Ħamrun	30c
ċ.	Rialto — Bormla	25c
	Buckingham — Ħaż-Żabbar	25c
	Adelphi —ir-Rabat (Malta)	25c
	Astra — ir-Rabat (Għawdex)	25c
d.	Swali ċinematografiċi oħra	20c".